MALTA RESOURCES AUTHORITY

STQARRIJA MAHRUGA MILL-AWTORITÀ TA' MALTA
DWAR IR-RIZORSI

Wara studji li saru mill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Rizorsi u konsulenti indipendenti kif ukoll wara konsultazzjonijiet li saru mas-sidien tal-pompi tal-petrol kien approvat il-mark-up massimu li s-sidien jistghu jaghmlu mill-bejgh tal-fuel.

It-talba originali tas-sidien tal-pompi tal-petrol kienet ta' zieda fil-mark-up ta' €0.032 fuq mark-up ezistenti ta' €0.057. Madankollu z-zieda fil-mark-up approvata mill-Awtorità hi ta' €0.008 kull litru. Dan ifisser li l-qligh massimu li jistghu jaghmlu s-sidien tal-pompi tal-petrol issa se jkun ta' €0.065 kull litru.

Bhalma gara fis-suq tal-Gass Petroleum Likwefatt, il-mark-up imhabbar mill-MRA hu l-massimu ghaldaqstant l-operaturi tal-pompi tal-petrol jistghu jbieghu l-fuels taht dan il-massimu.

Il-mark-up massimu hu marbut ma' numru ta' kundizzjonijiet fosthom l-obbligu li s-sidien tal-pompi tal-petrol iwettqu x-xoghol infrastrutturali mehtieg biex ikun hemm titjib fis-servizz li jinghata lill-klijent, kif ukoll tikber is-sigurtà u l-harsien tal-ambjent.

31 ta' Marzu 2011
MRA/PR 6/11

*Malta Resources Authority, Millennia, Aldo Moro Road, Marsa MRS 9065, Malta.*
*Tel: +356 21220619; Fax: +356 22955200 E-mail: enquiry@mra.org.mt*